MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 227/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Paul Miruzzi)**
**Vs**
**Francesco Gauci**

**Illum, 25 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Carmelo Gauci Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju ta' t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 2 ta' Mejju, 2002, u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 76 tal-Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza kif dedotta w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €9993.01 (Disat elef, disgha mija w tlieta w disghin Euro u centezmu) multa rapprezentattiva l-perjodu ta' bejn it-3 ta' Lulju 2002 u s-16 ta' Gunju, 2004.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Mix-xhieda ta' l-appellant kien jidher car li kien impossibbli ghalih li jottempra ruhu mas-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2003, minhabba l-fatt li ma kellux kontroll tas-socjeta' Carmelo Gauci Limited. Ir-returns iridu jigu akkompanjati bil-hlas tal-VAT. Jidher car li diretturi ohra tas-socjeta' kien fil-kontroll tal-kumpanija u l-VAT li ngabar minn servizzi u prodotti li nbieghu ma baqghux fil-kumpanija sabiex jithallsu lill-VAT. Id-Dipartiment tal-VAT kienu jafu dan ben tajjeb u minflok li nvestigaw kif ghandhom id-dmir li jaghmlu, ghamlu "the easiest way out" u mexxew kontra l-appellant.

Ikkunsidrat :

Ili l-ilment tal-appellant huwa bbazat fuq il-fatt illi l-Ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti li rrizultaw quddiemha.

Bir-rispett ma tantx kien hemm fatti x'jigu kunsidrati.

M'huwiex kontestat illi fit-2 ta' Mejju, 2002 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tal-appellant,

fejn inghata xahrejn zmien mid-data ta’ dik is-sentenza sabiex jikkonforma ruhu mal-Ligi, jhallas lill-erarju dak li huwa dovut bhala VAT u taxxi ohra w fin-nuqqas kien ser jehel multa ta’ sitt liri kuljum li matulu jkompli n-nuqqas.

L-appellant ma ghamel xejn sabiex jottempra ruhu ma din l-ordni u ghalhekk il-prosekuzzjoni sstitwiet din il-kawza sabiex tirrikupra din il-multa dovuta.

Skond ix-xiehda ta’ Paul Scicluna, VAT Inspector, l-appellant irrizenja minn direttur tas-socjeta’ Carmelo Gauci Ltd fil-21 t’Awwisuu, 2002 u cioe’ aktar minn tlett xhur wara li nghatat is-sentenza fil-konfront tieghu. Spjega illi huwa marad serjament fin-1996 u kellu jmur l-Amerika sabiex jigi trattat u halla f’idejn hutu Edwin u Tony sabiex imexxu l-azjenda. Jidher illi wara li gie lura mill-Amerika tilef il-kontroll tal-kumpanija illi kienet dizastru.

Ikkunsidrat :

Illi fil-waqt illi din il-Qorti tissimpatizza mall-appellant, ghal dak illi gralu, w tawgura illi fieq mill-marda w jsib is-sahha, b’daqshekk ma jistax jigi ezentat mir-responsabbilta’ li ntefghet fuq spallejh wara s-sentenza tat-2 ta’ Mejju, 2002. Ir-rizenja tieghu f’Awwissu tal-istess sena ma taghmilx differenza ghal din ir-responsabbilta’. Aktar u aktar meta din il-Qorti tqies illi rrizenja proprju fi zmien meta beda jiddekorri l-penali.

Illum ma jistax jargumenta illi huwa mpossibbli ghalih illi jottempora ruhu mas-sentenza tat-2 ta’ Mejju, 2002 minhabba l-fatt li ma kellux kontroll tas-socjeta’ Carmelo Gauci Ltd. Fiz-zmien illi gie mitlub ihallas l-arretrati tal-VAT u taxxi ohra, l-appellant kien ghadu fil-kontroll tal-kumpanija izda dan mhuwiex “in issue” fil-kawza odjerna.

Id-decizzjoni tat-2 ta’ Mejju, 2002 hija definittiva w ma tistax tigi kontestata. F’dik id-decizzjoni l-appellant kien tenut ihallas l-ammonti dovuti l-erarju w ma hallasx u ghalhekk bir-ragun il-Pulizija fuq talba tad-Dipartiment tat-

Taxxa Fuq il-Valur Mizjud issistitwiet proceduri kontra l-appellant sabiex ihallas il-penali dovuti.

Ghalhekk huwa inutili illi jargumenta illi ma kellux ikun responsabbli.

l-Ewwel Qorti ma kellhix triq ohra hlief illi tiddikjara lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-penali kif mitluba.

Kif qalet il-kawza deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-isemijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri [28.04.1995] *"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha."*

Din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

L-appellant kien ikkundannat b'sentenza illi saret definittiva li jhallas ammont ta' flus lill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u kien impost fuqu penali jekk jonqos li jhallas. L-appellant kien moruz u ma hallasx u ghalhekk dawn il-penali huma dovuti. Jekk l-appellant ghandu xi jghid ma hutu dwar il-mod kif tmexxiet il-kumpanija din hija kwistjoni interna bejniethom u ma taffettwax lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jibqa' f'relazzjoni diretta mal-appellant u m'hiex kwistjoni ta' vitimizazzjoni illi fittex lilu sabiex jrodd il-penali illi kienu mposti fuqu bl-ewwel sentenza tat-2 ta' Mejju, 2002.

Il-Kummissarju Fuq il-Valur Mizjud ma jistax jigi ccensurat talli uza dritt moghti lilu mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------